# Mill-Parroċċa il-Qadima sal-Parroċċa il-Ġdida Mixja matul Triq San Girgor

*Kitba tal-Perit Ruben Abela*

## *L-Iżvilupp ta' Triq San Girgor*

Qabel ma bdiet tinbena il-parroċċa il-ġdida fl-1692, il-knisja parrokjali taż-Żejtun kienet dik li bosta jafu illum bħala il-knisja ta' San Girgor. Dan l-isem ittieħed mhux għaliex il-knisja hija iddedikata lil San Girgor, iżda minħabba ir-rabta ta' dan il-maqdes mall-purċissjoni li issir kull sena nhar l-ewwel Erbgħa fuq l-Għid il-Kbir.

Din il-purċissjoni tmur lura għal mijiet ta' snin u l-oriġini tagħha għadu suġġett ta' diskussjoni bejn l-istudjużi ta' l-istorja. Din il-purċissjoni li sa ftit għexieren ta' snin ilu kienet tibda mill-Katidral ta' l-Imdina, kienet tiġbor fiha numru kbir ta' fratellanzi minn inħawi differenti ta' Malta. Mhux biss. Kienet ukoll tiġbor warajha numru ta' pellegrini minn kull qasam tal-ħajja Maltija, li kollha kienu jerħula sa minn kmieni għar-raħal taż-Żejtun. Kienet okkażjoni importanti ħafna fil-kalendarju tant li kienet waħda mill-attivitajiet, flimkien ma' dik ta' l-Imnarja, li tradizzjonalment huwa magħruf li l-għarus kien iwiegħed li jieħu lill-għarusa eżatt wara iż-żwieġ.

Wara li żviluppa iċ-ċentru li nafu illum b'konsegwenza diretta tal-bini tal-knisja il-ġdida, u inbniet Triq Santa Katarina, l-iżvilupp beda miexi fuq il-ġenb u in-naħa ta' wara tal-knisja, preċiżament matul Triq San Girgor. Bħal ma ġara fi Triq Santa Katarina aktar kmieni fil-bidu tas-Seklu Tmintax, fejn inbnew palazzi u djar kbar minn nies li kienu f'qagħda finanzjarja aħjar minn bosta mill-kumplament taċ-ċittadini Żwieten, hekk ukoll beda jiġri matul Triq San Girgor fl-aħħar tas-Seklu Dsatax u il-bidu tas-Seklu Għoxrin. Matul din it-triq bdew jinbnew palazzi ikbar u isbaħ, b'uħud minnhom imsebbħa b'ġonna kbar fuq in-naħa ta' wara. Ħalli nimxu mixja matul din it-triq u nitkellmu dwar dawn u bini ieħor ta' interess li insibu fl-istess triq.


Dar fi Triq San Girgor

## *Gotiku, Barokk, Neo-Romanesk u Neo-Klassiku*

Dawn huma it-taħlita ta' stili ta' arkitettura li insibu matul din it-triq li hija ftit itwal minn tlett kwarti ta' kilometru, jew nofs mil. L-istil Gotiku insibuh użat bi preċiżjoni fil-parroċċa il-qadima. Is-saqaf mill-isbaħ ta' l-eqdem parti ta' din il-knisja li tmur l-lura għas-Seklu Ħmistax, jagħmilha ġawhra arkitettonika u waħda mit-teżori fl-arkitettura Maltija. Din il-knisja aktar tard matul il-ħakma ta' l-Ordni ġiet imkabbra u mmżejna b'artali fuq stil Barokk.

Hekk kif wieħed joħroġ mill-knisja u jaqbad il-wesgħa li nsibu mall-ġenb tagħha fil-bidu ta' Triq San Girgor, naraw statwa kbira ta' San Girgor il-Kbir maħduma fil-ġebel bi stil sempliċi, hekk kif imħaddem mill-Moviment tan-Nażżarenu, xogħol artistiku mill-isbaħ ta' l-iskultur Salvatore Dimech. Faċċata ta' din l-istatwa insibu dik li possibilment hija l-eqdem dar matul din it-triq, dar ċkejkna u modesta f'dik li hija arkitettura iżda imżejna b'gallerija żgħira tal-ġebel.


Il-Knisja ta' Ġesù Nazzarenu

Aħna u mixjin lejn iċ-ċentru, fuq in-naħa tal-lemin, insibu kumpless kbir li jikkonsisti fl-Istitut Ġesu' Nażżarenu w il-knisja ta' Ġesu' Nażżarenu. Bini mmżejjen b'arkitettura neo-romaneska, u b'xogħol mill-isbaħ fil-ġebla, ħidmet l-artiġjani Żwieten li bnew dan il-monument fl-ewwel nofs tas-Seklu Għoxrin, bil-knisja titlesta fl-1958. Dan l-istitut huwa imexxi mis-Sorijiet ta' Ġesu' Nażżarenu li ġew imwaqqfa minn Vinċenza Degabriele u Ġużeppina Curmi, bint is-Sindku tas-Seklu Dsatax, l-avukat Pawlu Curmi, li kien joqgħod fi Triq Sant' Anġlu. Huwa għal din ir-raġuni li bosta Żwieten għadhom jafu dan l-istitut bħala 'tas-sindku'.

Hekk kif naqbżu l-istitut, naqbdu il-parti d-dritta ta' Triq San Girgor li hija ikkarratterizżata minn bini ta' sular wieħed, b'mod speċjali fuq in-naħa tal-lemin. Id-djar li insibu fuq in-naħa tal-lemin, meta mixjin lejn iċ-ċentru huma il-palazzi li għamilt referenza għalihom aktar il-fuq, u li kważi kollha għandhom ġonna kbar fuq wara. Insemmu bħala eżempju id-djar bin-numri 81, 77 u 57, li ilkoll għandhom faċċati li estetikament fihom biex wieħed jittpaxxa. Dik li iġġib in-numru 81, għalkemm jidher li sarilha xi tibdil, għandha dettal mill-isbaħ fuq il-kaptelli tal-pilastri, li barra is-soltu ordni fl-arkitettura huma imżejnin b'maskeruni żgħar. L-istess ingħidu għad-dar numru 77, li hija waħda fost l-isbaħ f'dik li hija arkitettura. Għalkemm xi ftit aktar sempliċl minn ta' qabilha, id-dar numru 57 hija estetikament interessanti ukoll. Bejn dawn ta' l-aħħar insibu bini bin-numru 63, li huwa il-bini li jospita' fih id-Domus. Oriġinarjament din id-dar, jew aħjar palazz, kien ta' l-Isqof Mattei u huwa wieħed mill-ftit binjiet għoljin żewġ sulari li insibu f'din il-parti tat-triq.


Il-Knisja ta' San Girgor

Faċċata tad-Domus, bin-numru 18, insibu bini li ukoll huwa interessanti mill-att storiku. Meta wieħed iħares lejn il-parti ta' fuq ta' dan il-bini jinnota is-salib bi tmin ponot. Jingħad li dan il-bini kien iservi ta' torri.

Qabel ma' wieħed jaqbgħad il-wesgħa ta' wara il-knisja, jew Misraħ 13 ta' Diċembru, kantuniera ma' Triq Santu Wistin, hemm faċċata dejqa b'bieb ta' persjana b'dekorazzjoni arkitettonika u b'dettalji sbieħ ħafna.

Id-dar numru 7, għalkemm għandha faċċata żgħira ħafna, hija l-eqdem bini li insibu mall-ġenb tal-knisja. Il-gwarniċ fil-ġebel li jdawwar il-bieb ta' barra huwa ta' stil barokk u jmur l-lura għażżmien bikri tas-Seklu Tmintax.

### *Konklużjoni*

Kif nispiċċaw Triq San Girgor, naqbdu Misraħ ir-Repubblika u hawn naraw il-misraħ jiġi iddominat mill-bini tal-knisja il-kbira, xogħol l-arkitett Lorenzo Gafa', u fir-rokna taz-zuntier l-Oratorju, gawhra oħra fl-arkitettura Barokka.

Għalkemm ipprovajt mill-aħjar li stajt sabiex nagħti deskrizzjoni ta' dak li nsibu matul Triq San Girgor, żgur li jekk tmiddu riġlejkom u timxuha, ser tiltaqaw ma' aktar dettalji ta' interess. Taqtawx qalbkom m'hemmx xi mixja twila!

© Ruben Abela 2004


# RAYMOND ABDILLA

***Exporter & Importer***

**Seed and Ware Potatoes**

NEWS
Varjetajiet ġodda

Qed naċċettaw ordnijiet għal dawn il-prodotti
Arinda - Patata bikrija li tinżera f'Ottubru
Sante` - Tajba għall-esportazzjoni u tinżera' bikri
Picasso - T'għajna ħamra
Agria - Ta' qatgħa safra
Diamant - Ta' qatgħa safra
Alpha - Ta' qatgħa safra
Banner - Ta' qatgħa bajda
Laura - Ta' qoxra ħamra
Marfona - Ta' qatgħa bajda (għall-esportazzjoni)
Ditta - Ta' qatgħa safra (għall-esportazzjoni)
Stirling - Ta' qatgħa bajda (ma' kull għaxra waħda b'xejn)

AGRICO



**"Le Nid", Triq il-Kuċċard, Safi ŻRQ11**
Tel. 2168 3870 / 2143 6594
**Mob. 9949 7980 / 9944 9553 • Fax. 2168 9726**